MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 121/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Malcolm Spiteri)**
**Vs**

**Joanne Darmanin Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Novembru, 2005 u/jew fil-granet ta' qabel go Triq Mater Boni Consigli, Fgura, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercetta jedd li tippretendi li ghandha, qabdet u bidlet jew inkarigat lil terzi sabiex ibiddlu s-serratura tal-bieb ta' barra ta' dar matrimonjali msemmija, w b' hekk cahhdet lir-ragel taghha Carmel**

**Darmanin mid-dritt tieghu li jidhol fl-istess dar u konsegwentement fixklitu fil-pussess ta' hwejjgu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu, 2006, li biha, billi mill-provi prodotti ma rrizultawx l-elementi kollha li jikkostitwixxu r-reat ta' "ragion fattasi", ma sabitx lill-appellata hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha w illiberatha minn tali akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 t'April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi piena skond il-Ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti qalet li hawn ma kienx kaz ta' ragion fattasi. Illi l-istess appellata kkonfermat li hi kienet bidlet is-serratura tal-bieb. Illi jidher li kienet taht l-impressjoni zbaljata li stante li l-Qorti Civili b' sentenza tas-27 t' Ottubru, 2005, kienet tat ghoxrin gurnata lill-zewgha biex jivvaka d-dar, dan kien jaghtiha d-dritt tal-pussess tad-dar. Illi minn din is-sentenza pero' kien sar appell. Ghalhekk l-agir taghha kien illegali u l-Ewwel Qorti kellha ssib htija.**

**Rat ir-risposta tal-intimata tal-15 ta' Mejju, 2006 li biha ssottomettiet fl-ewwel lok li l-appell hu irritwali peress li ma gewx osservati t-termini komminati fl-artikolu 414 tal-Kap.9 tal-ligijiet ta' Malta. U subordinatament l-appell jirrigwarda apprezzament ta' fatti w huwa stabbilit li dawn il-Qrati ghandhom ihossuhom riluttanti li jallontanaw irwiehom mill-mod kif isir l-apprezzament ta' fatt minn Qorti ta' prima istanza jekk ma tkunx saret ingustizzja manifesta lill-parti, li ma hux il-kaz.**

**Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju, 2006, li bih Dr. Toni Abela ghamel riferenza ghar-risposta tieghu tal-15 ta' Mejju,**

**2006, u ddikjara li mhux qed jinsisti fuq l-ewwel paragrafu taghha in vista tal-gurisprudenza.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet il-provi mill-gdid;**

**Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju, 2006, li bih il-partijiet qablu li s-sentenza esebita giet appellata miz-zewg nahat.**

**Semghet it-trattazjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fl-ewwel lok u qabel kollox il-Qorti tosserva li skond ma ddikjara l-istess Avukat Generali fir-raba' paragrafu tar-rikors tieghu, hu kien qed jappella ai termini tal-artikolu 413 (1)( c ) tal-Kodici Kriminali. Illi dan is-sub inciz ( c ) iddahhal fil-Kodici Kriminali recentement biex iwessa' d-dritt ta' l-appell tal-Avukat Generali minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati f' dawk il-kazijiet li m' ghandhomx x' jaqsmu ma proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370.**

**Dan l-ahhar subartikolu, li jispecifika l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, jghid li huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti :-**

***(a) il-kontravvenzjonijiet kollha imsemmijin f' dan il-Kodici;***
***(b) id-delitti msemmijin f' dan il-Kodici meta jaqghu taht il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur***

***biz-zieda jew minghajrha tal-multa jew tal-interdizzjoni.***
***(c) Ir-reati kollha ikkontemplati f' ligijiet ohra meta jaqghu taht il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-ligi ma tkunx tiddisponi xort' ohra.***

**Issa hu ovvju li r-reat ta' ragjon fattasi hu delitt imsemmi fil-Kodici Kriminali li jaqa' taht il-paragrafu (b) tal-art. 370 (1) ghaliex igib piena ta' prigunerija biss minn xahar sa tlitt xhur jew tal-multa w dan fid-diskrezzjoni tal-Qorti.**

**Konsegwentement l-Avukat Generali ma setax jinvoka il-paragrafu (1) ( c) tal-artikolu 413, li jaghtih dritt ta' appell b' mod generali w bla limiti bhala bazi tal-appell tieghu, imma se mai ried jinvoka xi wahda mill-kazijiet kontemplati fil-paragrafu** 1 (b), **kif recentement emendat u li huma ristretti ghal dawk il-kazijiet li qabel kienu jaghtu lok ghall-appell lill-Avukat Generali fil-kazijiet kollha imma issa (b' xi ritokkaturi zghar ta'** ***"drafting"*****) gew limitati biss ghall-kazijiet fejn si tratta ta' kontravvenzjonijiet jew delitti soggetti ghall-piena ta' mhux aktar minn sitt xhur prigunerija, bhal ma hu l-kaz odjern.**

Ghalhekk certament l-Avukat Generali f' dan il-kaz ma jistax jappella minn apprezzament zbaljat tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, kif qed jippretendi fir-rikors tal-appell tieghu, ghax din ir-raguni mhix wahda minn dawk kontemplati fil-paragrafu (1) (b) tal-art. 413 applikabbli ghall-kaz.

**Illi l-unika motivazzjoni li fiha s-sentenza appellata hi li** ***"mill-provi prodotti ma jirrizultawx l-elementi kollha li jikkostitwixxu r-reat ta' ragion fattasi"*****. Igifieri din kienet decizjoni bazata biss fuq l-apprezzament tal-provi w ma hemm ebda enuncjazzjoni tal-ligi, la korretta w lanqas zbaljata fis-sentenza, li setghet forsi taghti lok ghal xi appell taht xi wiehed mis-sub-inicizi tal-art. 413 (1) (b), sia pure li ma giex invokat.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara l-appell irritu w null u tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------